# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

Rikors Numru. 3/2009

**Joseph Mallia (ID 356731m), Rose Raviola (ID 601336M) u Connie Preca, mart Amadeo Preca (ID 695641M) u, b'digriet moghti fit 28 ta' Jannar 2013, Mario Mallia (ID 400954M), Josephine sive Josette Demanuele (ID 464955M), Carmel sive Charles Mallia (ID 604256M), Pauline Vella (ID 93759M) u Frances sive Fraccielle Deguara, lkoll eredi tal-mejtin Joseph u Helen Mallia, assumew l-atti flok Helen Mallia, illi mietet fis 16 ta' Awissu 2012 u li kienet gia assumiet l-atti tar-ragel taghha Joseph Mallia fis-29 ta' Mejju 2012 wara illi huwa kien miet fis 17 ta' Novembru 2011.**

**Vs**

**Joseph Vella (ID 759036M) bhala kuratur deputat sabiex jirrappresenta l-eredita' tal-mejta Carmela Tabone.**

Illum 26 ta' Ottubru 2016.

Il-Bord

Ra ir-rikors ippresentat mir-rikorrenti fit 8 ta' Jannar 2010 fejn ippremettew illi huma werrieta universali ta' ommhom Francesca Mallia illi kienet tqabbel ir-raba li tinsab fil-limiti ta' San Anard ta' Barkat u tat-Tumbrill taht il-gibjun x'Xghajra ta' Haz-Zabbar lill Carmela Tabone.

Illi r-rikorrenti gew a korrent tal-fatt illi, fil-15 ta' Awissu 1983, l-intimata kienet qabblet l-ghalqa in kwistjoni lill certu Emmanuel u Angelo Buhagiar, u dana b'effett mis-sena 1974, u dana skond ricevuta illi ghaddhielhom l-istess Angelo Buhagiar u li turi li certu Joseph Vella kien qed jigbor qbiela minghand Emanuel u Angelo ahwa Buhagiar.

Illi ghalhekk, ir-rikorrenti sahqu, l-intimata Carmela Tabone, illum mejta, qabdet u assenjat l-istess ghalqa lill terzi minghajr il-kunsens taghhom.

Ghalhekk, r-rikorrenti talbu lill-Bord sabiex jawtoriazzahom jirreprendu l-pussess tar-raba fuq imsemmi mill-poter tal-intimata u tipprefiggi terminu qasir u perentorju lill-intimata sabiex tizgombra mir-raba meritu tal-kawza odjerna.

Ra illi fl-10 ta' Marzu 2009 gie ppresentat rikors da parte tar-rikorrenti sabiex jigu appuntati kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw lill-mejta Carmela Tabone, il-hrug ta' liema bandi inhargu fit 3 ta' April 2009.

Ra illi, wara nota minnu maghmulha fl-20 ta' April 2009, fit-22 ta' April 2009 gie innominat Joseph Vella bhala kuratur deputat sabiex jirrappresenta lill-mejta Carmela Tabone.

Ra illi, fis 17 ta' Gunju 2009, l-kuratur deputat Joseph Vella ippresenta eccezzjoni wahda biss, li tghid kif gej: "*Illi, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ghandhom jidentifikaw bi precizjoni l-art li huma jaghmlu referenza ghaliha fir-rikors promotur u jressqu prova tat-titolu taghhom fuq tali art*".

Ra illi l-istess kuratur deputat, irriserva illi jressaq eccezzjonijiet ulterjuri izda, fl-ebda stadju tal-procedimenti odjerni ma qatt ressaq eccezzjonijiet ohra u/jew talab sabiex iressaq tali eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent, inkluz l-affidavit ta' **Joseph Mallia**, lkoll ppresentati a fol 18 et seq.

Ra ix-xhieda ta' **Dr Anna Mallia** moghtija fit-22 ta' Gunju 2009.

Ra illi, permezz ta' decizjoni datata 25 ta' April 2013, il-Bord ta' decizjoni fejn cahad l-eccezzjoni preliminari, hekk kif imressqa mill-kuratur deputat, filwaqt illi awtorizza lill-istess kuratur deputat jipprezenta eccezzjonijiet fuq il-meritu.

Ra l-eccezzjonijet fil-meritu ppresentati mill-kuratur deputat Joseph Vella kif ukoll minn Dr Philip Manduca bhala mandatarju ta' Patricia Amos fit 8 ta' Mejju 2013 (fol 221) fejn eccepew, l-ewwel u qabel kollox, illi t-talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi ma kien hemm ebda relazzjoni ta' qbiela bejn ir-rikorrenti u Carmela Tabone u/jew l-eredi taghha filwaqt illi eccepew ulterjorment illi Carmela Tabone wirtet diversi propretajiet fil-limiti ta' San Anard ta' Barkat u tat-Tumbrill taht il-gibjun x-Xghajra ta' Haz-Zabbar u ghalhekk kienet sid ta' l-art in kwistjoni u mhux persuna li kellha r-raba mqabbla ghandha.

Ra illi fl-20 ta' Mejju 2013, fuq talba tar-rikorrenti, l-eccezzjonijiet ta' Dr Philip Manduca bhala mandatarju ta' Patricia Amos gew sfilzati.

Ra l-affidavit ta' **Mario Mallia** ppresentat fl-4 ta' Lulju 2013 (fol 250) u ppresentat mill-gdid fl-24 ta' Ottubru 2013 (fol 253).

Ra l-affidavit ta' **Carmel sive Charles Mallia** ppresentat fl-24 ta' Ottubru 2013 (fol 254).

Ra illi fl-24 ta' Ottubru 2013 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhom ebda provi ohra x'jippresentaw.

Sema il-kontro ezami ta' Mario Mallia illi sar fil 11 ta' Dicembru 2013.

Sema il-kontro ezami ta' Carmel sive Charles Mallia illi sar fil 11 ta' Dicembru 2013.

Ra id-dokumentazzjoni esebit mir-rikorrenti, ossija Kuntratt Kawza Mortis datat 7 ta' Frar 2012. (fol 263) u esebita mill-gdid fit-18 ta' Novembru 2014, din id-darba bil-pjanti annessi (fol 283) u fid 9 ta' Lulju 2015 (fol 317).

Sema x-xhieda tar-rikorrenti **Connie Preca**, prodotta mill-intimati, u moghtija fit 30 ta' April 2014. (fol 268)

Sema x-xhieda tar-rikorrenti **Rose Raviola**, prodotta mill-intimati, u moghtija fit 30 ta' April 2014. (fol 269)

Ra l-affidavit ta' **Angelo Buhagiar**, ippresentat mill-intimat fit 2 ta' Lulju 2014 (fol 274).

Ra l-affidavit ta' **Emmanuel Buhagiar**, ippresentat mill-intimat fit 2 ta' Lulju 2014 (fol 275).

Sema x-xhieda ta' Angelo Buhagiar in kontro ezami moghtija fid 29 ta' Ottubru 2014.

Sema x-xhieda ta' Mario Mallia in kontro-ezami ulterjuri moghtija fid 29 ta' Ottubru 2014.

Ra ix-xhieda tan-**Nutar Carmelo Lia** moghtija fl-4 ta' Marzu 2015 (fol 294) u d-dokumentazzjoni minnu esebita.

Ra l-affidavit ta' **Patricia Bice** ippresentat fit 28 ta' Ottubru 2015 (fol 325)

Ra illi fis 7 ta' Dicembru 2015 l-intimat ippresenta talba sabiex jippresenta eccezzjoni ulterjuri, li kienet ta' natura dilatorja, liema talba giet michuda mill-Bord fit 23 ta' Frar 2016.

Ra illi l-Bord iddikjara il-provi intimati bhala maghluqa fit 18 ta' Mejju 2016 wara li osservat illi l-intimat ma ressaqx provi ulterjuri ghalkemm ordnat sabiex jaghmel hekk fis-seduta precendenti tal-24 ta' Frar 2016.

Ra is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentati fit 13 ta' Lulju 2016.

Ra is-sottomissjonijiet ta' l-intimat ippresentat fil 5 ta' Ottubru 2016.

Ra illi fil-5 ta' Ottubru il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta mir-rikors promotur, illi r-rikorrenti jikkontendu illi bicca raba li jinsab fil-limiti ta' San Anard ta' Barkat, f'zona maghrufa bhala tat-Tumbrill taht il-Gibjun, x-Xghajra ta' Haz-Zabbar, huwa propjeta taghhom u dia l-art kienet mqabbla lill Carmela Tabone minn ommhom Francesca Mallia.

Jirrizulta, dejjem mir-rikors promotur, illi r-rikorrenti jikkontendu illi ftit qabel ma ntavolaw il-proceduri odjerni fit 8 ta' Jannar 2010, huma gew a korrent tal-fatt illi Carmela Tabone kienet allegatament assenjat l-istess ghalqa bi qbiela lil vcertu Emanuel u Angelo ahwa Buhagiar, u dana fil 15 ta' Awissu 1983 b'effett retroattiv mis-sena 1974.

Jirrizulta illi, in vista ta' tali informazzjoni, huma niedew il-proceduri odjerni fejn talbu lill-dana il-Bord jordna lill-Carmela Tabone w il-werrieta taghha sabiex jivvakaw minn tali art abbazi tal-fatt illi l-art giet sullokata lill-terzi minghajr il-permess tas-sid, u abbazi tal-Artikolu 4 (2) (c) tal-Kap 199.

Jirrizulta mill-provi prodotti mir-rikorrenti, partikolarment dik tar-rikorrent, illum mejjet, Joseph Mallia, illi qabel ma gie a konoxxenza ta' fejn hi l-art meritu tal-kawza odjerna ftit xhur qabel ma

nieda l-proceduri odjerni, aktar precizament xaghrejn qabel ma halef l-affidavit tieghu fl-10 ta' Marzu 2009 (fol 36), huwa ma kellu **ebda** indikazzjoni dwar fejn kienet l-art, ghalkemm kien allegatament jigbor il-qbiela minghand Carmela Tabone dwar tali art.

Jirrizulta illi r-rikorrenti ma huma fil-pussess ta' ebda ktieb ta' qbiela u l-unika dokumentazzjoni illi huma esebew in sostenn tad-dritt taghhom fuq l-art meritu tal-kawza odjerna kienet elenku redatt mill-mejjet Joseph Mallia u qatt iffirmat minn Carmela Tabone, ghas-snin bejn 1979 u 1984 fejn jigi indikat illi qieghda tingarab "Qbiela ta' alka ta' San Leonardu".

Jirrizulta illi Mario u Carmel Mallia, lkoll tfal tal-mejjet Joseph Mallia, lkoll stqarrew, a differenza ta' dak li kien stqarr missierhom fl-affidavit taghhom, illi meta huma kienu zghar, jigifieri aktar minn erbghin sena ilu, missierhom, il-mejjet Joseph Mallia, kien jehodhom hdejn l-ghalqa u jindikalhom fejn hija l-ghalqa meritu tal-kawza odjerna, liema ghalqa huwa kien jghid illi kienet mqabbla lill-intimata Carmela Tabone.

Jirrizulta wkoll illi kemm Connie Preca kif ukoll Rose Raviola, rikorrenti fil-proceduri odjerni, u ahwa tal-mejjet Joseph Mallia, lkoll stqarrew quddiem dana il-Bord illi huma la kienu jafu bil-proceduri odjerni illi nfethet f'isimhom u wisq anqas ma kienu jaf dwar xi art illi allegatament huma wirtu flimkien mar-rikorrent Joseph Mallia u li hija l-meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimati ressqu bhala prova lix-xhieda ahwa Angelo u Emmanuel Buhagiar illi stqarrew illi l-art meritu tal-kawza odjerna, huma attwalment zewgt artijiet separati, wahda maghrufa bhala Ta' Barkat, u ohra maghrufa bhala Tat-Tumbrell, li kienu lkoll originalment mqabbla lill certa Carmelo Cassar minn Carmela Tabone u sussegwentement, wara hafna snin jigru wara Carmela Tabone biex tqabbillhom l-art, fil 15 ta' Awissu 1983 l-art giet imqabbla lilhom, kif jidher fid-dokument esebit mir-rikorrenti a fol 39 tal-process.

Jirrizulta illi Angelo Buhagiar jistqarr illi fis-sena 2009, gie persuna l-ghalqa waqt illi huwa kien hemm qieghed jonsob, li ntroduca lilu nniffsu bhala Joseph Mallia u talab sabiex jigi mgharraf fejn hija l-ghalqa ta' Carmela Tabone, peress illi qallu illi ma kienx jaf fejn kienet.

Jirrizulta illi, hekk kif mistoqsi minn Mallia, l-istess Buhagiar gharraf lill Mallia illi kien hemm zewgt artijiet ta' Carmela Tabone illi kienu lilhom mqabbla, u dawna kienu dik l-art fejn kien dak il-hin meta gie Mallia kif ukoll bicca art ohra madwar kilometru 'l boghod.

Jirrizulta illi sussegwentement, Angelo Buhagiar ghadda kopja tar-ricevuta illi huwa kien ircieva minghand Carmela Tabone lill Joseph Mallia, liema ricevuta sussegwentement Mallia uza sabiex jibbaza il-kawza odjerna.

**Ikkunsidra**

Il-Bord ma jistax ma josservax, l-ewwel u qabel kollox, illi hemm kunflitt car u manifest bejn ix-xhieda tar-rikorrent, illum mejjet Joseph Mallia, illi ghamel l-affidavit tieghu fl-10 ta' Marzu 2009 u x-xhieda ta' l-ahwa Mario u Carmel Mallia, illi ghamlu l-affidavit taghhom fit 3 ta' Lulju 2013, u dana peress illi filwaqt illi Joseph Mallia jistqarr illi huwa qatt ma kien jaf fejn hija l-art meritu tal-kawza odjerna sa xaghrejn qabel ma halef l-affidavit, fatt kkonfermat ukoll minn dak li xehdu l-ahwa Buhagiar, it-tfal ta' Joseph Mallia, Mario u Carmel Mallia, jishqu bil-gurament illi meta kienu tfal zghar, missierhom Joseph Mallia kien jehodhom sabiex jaraw l-art illi kienet imqabbla lill Carmela Tabone u li hija l-meritu tal-kawza odjerna.

Il-Bord ma jistax jifhem kif seta kien illi Mario u Carmel Mallia kienu jmorru jaraw l-art meta kienu zghar meta missierhom jghid bil-gurament illi huwa qatt ma kien jaf fejn hija l-art qabel Jannar 2009, ossija xaghrejn qabel ma ghamel l-affidavit.

Il-Bord ma jistax ma josservax ukoll illi ghalkemm ir-rikorrenti jikkontendu illi l-art maghrufa bhala fil-limiti ta' San Anard ta' Barkat, f'zona maghrufa bhala tat-Tumbrill taht il-Gibjun, x-Xghajra ta' Haz-Zabbar hija attwalment bicca art wahda, attwalment skond ix-xhieda ta' l-ahwa Buhagiar, dawna huma zewgt artijiet distinti u separati minn xulxin u 'l boghod minn xulxin madwar kilometru (fol 274).

Il-Bord ma jistax ukoll ma josservax illi tul il-proceduri kollha odjerni, ir-rikorrent naqqsu milli juru provi sufficjenti li juru attwalment l-art meritu tal-kawza odjerna kif ukoll it-titolu illi huma ghandhom ghal tali art, stante illi mkien ma ngibiet prova cara dwar l-entita' tal-art illi hija allegatament propjeta' taghhom u lanqas ma ngab titolu car illi huma ghandhom.

Il-Bord josserva wkoll illi l-entita' ta' l-art illi huma qieghdin jikkontendu illi huwa taghhom huwa bbazat fuq pjanta illi giet redatta mill-Perit Robert Sarsero, a fol 158 tal-process, liema pjanta giet redatta fuq indikazzjoni illi ta Joseph Mallia lill-istess Perit Robert Sarsero, u ghalhekk certament ma jistax jitqies illi tali pjanta hija prova tat-titolu illi huma ghandhom ta' tali art.

Il-Bord, finalment, josserva illi l-intimati ressqu provi sufficjenti biex juru illi hemm dubju fondat dwar it-titolu illi r-rikorrenti jista jkollhom fuq l-art meritu tal-kawza odjerna liema dubju huwa aktar msahhah in vista tan-nuqqas ta' dokumentazzjoni illi juru li, b'xi mod, kien hemm allegat qbiela bejn omm ir-rikorrent, illum mejjet Joseph Mallia, ossija Francesca Mallia, u Carmela Tabone fejn l-unika dokumentazzjoni esebita hija registru redatt minn Joseph Mallia, a fol 38, illi attwalment isemmi "*qbiela ta' alka ta' Santu Leonardu*" u mhux art fil-limiti ta' San Anard ta' Barkat, f'zona maghrufa bhala tat-Tumbrill taht il-Gibjun, x-Xghajra ta' Haz-Zabbar.

Ghaldaqstant, in vista tal-provi kollha kif prodotti, il-Bord ma jistax ma jikkunsidrax favorevolment l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimati.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra il-provi kollha prodotti quddiemu, wara illi ra is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Jaqta u jiddeciedi tali vertenza billi,

**Jilqa** l-eccezzjonijiet imqajjma mill-intimat, u ghalhekk

**Jichad** it-talba attrici

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur